TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 129/21/F

**Ryan Cilia**

*vs*

**Bilom Tiles and Decor Ltd.**

Illum, 20 ta' Novembru, 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba pprezentat mir-Rikorrent nhar it-2 ta' Awwissu 2021;

Ra r-Risposta ipprezentata mill-azjenda intimata nhar is-6 ta' Ottubru 2021;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti kollha eżebiti mill-Partijiet;

Ra d-Digriet mogħti fis-seduta tal-21 ta' Frar 2022 li permezz tiegħu ġiet awtorizzata l-korrezzjoni fl-Avviż tat-Talba sabiex l-ammont reklamat jiġi jaqra elfejn, ħames mija u tmienja u ħamsin Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€2,558.65);

Sema' s-sottomissjonijiet tal-Partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu ir-Rikorrent qed jitolb li jiġ rifuż is-somma ta' elfejn, ħames mija u tmienja u ħamsin Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu €2,558.65 rappreżentanti il-prezz li huwa ħallas għal madum *Croisette Brume Mate 60x60* mixtri mingħand l-azjenda intimata. L-ilment tar-Rikorrent huwa li wara l-installazzjoni, induna li wħud mill-madum huma notevolment aktar skuri mill-maġġoranza. L-ammont reklamat jirrappreżenta l-prezz imħallas għall-madum intern kollu mill-mudell in kwistjoni kif ukoll l-i*skirting* li jmur miegħu.

Illi mill-banda l-oħra, in suċċint, fir-Risposta ppreżentata minnha, l-azjenda intimata issostni li t-Talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u tiċħad li l-madum in kwistjoni huwa b'xi mod difettuż. Tgħid ukoll li huwa legalment improponibbli li r-Rikorrent żamm il-madum u fl-istess waqt issa qed jitlob li jiġi rifuż il-prezz kollu li huwa ħallas għalih u tirreferi għall-Artikolu 1390 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħti l-possibilità li x-xerrej jaċċetta l-prodott li ma jkunx tal-kwalità pattwita iżda li jitlob tnaqqis proporzjonat mill-prezz.

Illi r-Rikorrent ikkonferma bil-ġurament li l-madum intern kien ordnat f'daqqa u fil-15 ta' Jannar 2020, meta kien twaħħal il-madum kollu, induna li kien hemm xi madumiet li l-kulur tagħhom kien ivarja minn tal-maġġoranza. Dakinhar stess kiteb lill-azjenda intimata biex jinfurmahom b'dan id-difett u skont ma jispjega, eventwalment kienu rrikonoxxew li l-madum affettwat kellu tonalità differenti. Irrimarka li huwa ma kienx iffirma d-*delivery note* li tgħid "*received in good condition*" u dan għax ma kiex preżenti fuq il-post. Lanqas ma kien preżenti meta kien qed jitwaħħal il-madum u dan għax ħadd ma kien infurmah li kien ser isir ix-xogħol.

Illi fir-rapport tiegħu, debitament ikkonfermat bil-ġurament, il-Perit Kenneth Camilleri prodott *ex parte* mir-Rikorrent ikkonkluda li "*it is quite evident that some of the floor tiles especially in the corridor area are of a different colour [...]. A small number of tiles about eight in total are of a different colour. The small amount of tiles that differ are more greyish as opposed to the more brownish look of the majority of the floor tiles*". Fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal, il-Perit Camilleri jispjega li in kwantu ta' rimedju, jista' jiġi mibdul il-madum affettwat biss u ma hemmx għalfejn jinqala' l-madum kollu.

Illi l-azjenda intimata produċiet lil Daniel Schembri bħala xhud, li kien *Business and Development Manager* fiż-żmien relevanti. Ikkonferma li l-azjenda intimata qatt ma importat madum tas-sekonda klassi u kkonferma ukoll li f'dan il-każ, il-madum kien dejjem tal-istess tone u ċioè "204H". Madankollu, jikkonċedi li "jiena rajt ir-ritratti annessi mar-rapport tal-Perit Kenneth Camilleri u fil-fatt naqbel li hemm divarju kbir tal-kulur u huwa impossibbli li huma tal-istess *batch* li aħna suplixxejna lis-Sur Cilia". A bażi ta' din l-osservazzjoni jargumenta li jista' jkun li r-Rikorrent seta' ordna xi madum mingħand fornitur terz u dan għax il-fabbrika ma għandhiex ftehim ta' esklussività mal-azjenda intimata.

Illi t-Tribunal qies il-provi sewwa u s-sekwenza tal-fatti tindika li mhuwiex probabbli li l-madum li ma jaqbilx inxtara wara u dan għaliex twaħħal flimkien mal-madum

"korrett" fil-partijiet prinċipali tal-appartament tar-Rikorrent fl-istess venja. Intant, ankè jekk saru diversi *micro orders* ta' madum mingħand l-azjenda intimata, kif jirriżulta mid-*delivery notes* relattivi eżebiti mill-Partijiet kif ukoll kif spjega rappreżentant tal-azjenda intimata innifsu, it-*tone* suppost dejjem kien l-istess u ċioè "204H". Allura l-fatt li saru żewġ konsenji ta' madum ma huwa ta' ebda ħsara għat-Talba tar-Rikorrent għax l-azjenda intimata intrabtet li tforni madum b'*tone* identiku "204H". Dan stabbilit, għandu jingħad ukoll li-divarju fil-kulur kien diġa apparenti fil-15 ta' Jannar 2020 u għalhekk, l-aħħar ordni li saret fit-18 ta' Mejju 2020 hija irrelevanti għall-fini ta' din il-vertenza. It-Tribunal għalhekk jikkonkludi fuq bażi ta' probabbilità li l-konsenja madum affettwata hija dik ordnata fl-20 ta' Novembru 2019 (*Sales Order* 007304) u konsenjata imbagħad fl-10 ta' Jannar 2020 (*Delivery Note* 016085) li imbagħad kien twaħħal tal-15 ta' Jannar 2020. Dan ixejjen id-dubju li l-madum li ma jaqbilx kien inxtara wara mingħand fornitur terz kif jipprova jimplika Daniel Schembri fix-xhieda tiegħu.

Illi in vista tal-premess, it-Tribunal ma jsib l-ebda diffikultà li jabbraċċja t-teżi tar-Rikorrent li l-madum in kwistjoni huwa difettuż fis-sens li mhux skont kif miftiehem u għalhekk, mhux konformi ma dak li l-Konsumatur għandu raġjonevolment jistenna.

Illi mill-banda l-oħra, madankollu, it-Tribunal ma jistax ma jinnotax ċertu inkonsistenza kif ir-Rikorrenti qed jgħid li jrid jiġi rifuż il-valur kollu tal-madum u fl-istess waqt huwa ċarissimu li huwa żamm il-madum. Ukoll, kif jikkonferma l-Perit Kenneth Camilleri fir-rapport tiegħu, <u>il-madumiet affettwati huma madwar tmienja</u>.

Illi fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal jifhem li l-azzjoni odjerna trid tiġi meqjusa fil-parametri ta' dak ravviżat fl-Artikolu 1390 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi li "jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti".

Illi ankè tenut kont tan-natura u l-iskop tal-proċeduri quddiem dan it-Tribunal, il-ħatra ta' espert ġudizzjarju ma ntalbitx minn entrambi l-Partijiet u għalhekk, it-Tribunal ser jgħaddi biex jillikwida r-riduzzjoni mill-prezz dovuta huwa stess *arbitrio boni viri* tenut kont tal-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ inkluż il-kwantità ta' madum affettwat.

Illi skont il-Qrati tagħna "ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant ankè fis-sistema tal-liġi tagħna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propożitu deċiżjoni

a Vol. XXXV P III p 615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*" (***Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd***, PA, deċ. 13.10.2004);

Illi a bażi tal-premess, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu, it-Tribunal qiegħed jistabilixxi *arbitrio boni viri* l-ammont li għandu jiġi rifuż lir-Rikorrent mill-azjenda intimata fis-somma ta' ħames mitt Euro (€500).

**Deċizjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha *in parte* u jikkundanna lill-azjenda intimata tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' ħames mitt Euro (€500).**

**L-imgħax jibda' jgħodd mid-data ta' din is-sentenza.**

**L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***